MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 92/2004

It-Tribunal :

Ra l-avviz tat-talba li tghid hekk:

“Il-konvenut kien inkarigat sabiex jaghmel xogholijiet f’post li jinsab fi Triq Ghajn Melel, Zebbug Ghawdex. L-atturi hallsu depozitu ta’ elf tmien mija u sittin lira Maltija (Lm1,860).

Il-valur tax-xoghol li lehaq ghamel il-konvenut m ajeccedix is-somma ta’ elf mitejn u disa’ u sittin lira Maltija u seba’ u disghajn centezmu (Lm1,269.97), in kwantu ghal:-

(a)Lm368.55 – spejjez ta’ hajt li jaghti ghal fuq sqaq u li dwaru m’hemmx kontestazzjoni;
(b)Lm901.42 – xogholijiet li saru mill-konvenut u li gew imkejjla u stmati mill-perit Annamaria Montalto (**Dok. AL1**).

Ghalhekk il-konvenut ghandu jirrifondi lura s-somma ta' hames mija u disghajn lira Maltija u tlett centezmi (Lm590.03).

Bl-ispejjez (inkluzi dawk ta' l-ittri legali datati 17/9/2004 u 27/9/2004 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"1. Illi qabel xejn dan l-Onorabbli Tribunal mhux kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tal-kaz, *ratione valoris*, stante illi l-valur tal-appalt moghti lill-esponenti kien originarjament ta' Lm1860 (kif jidher mill-ewwel premessa tat-talba innifsiha) u in effetti intela' ghal aktar minn daqshekk tant illi l-esponenti ghad fadallu jiehu ammont ta' madwar Lm600 sabiex ikun thallas tax-xoghol kollu imwettaq minnu; Dwar dawn l-esponenti qieghed jirrizerva illi jintenta l-azzjoni opportuna fiz-zmien opportun.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-pretensjonijiet tal-atturi hum atotalment infondati fid-dritt u fil-fatt;
3. Illi l-valur tax-xoghol li wettaq l-esponenti fil-fond li jinsab fi Triq Ghajn Mele, fiz-Zebbug, Ghawdex ma jammontax ghal elf mitejn u disgha u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm1269.97,0) izda ghal elfejn erba' mija u hamsa u sittin lira Maltija u tlieta u tlettin centezmu (Lm2465.33,0);
4. Illi ghalhekk l-esponenti ma hux tenut jirrifondi l-ebda somma lill-atturi;
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjz inkluzi dawk tal-ittra interpellatorji tal-14 ta' Settembru 2004, tat-22 ta' Settembru 2004 u dik tal-5 ta' Ottubru 2004."

Ra s-sentenza preliminari tieghu tal-1 t' April 2005 li permezz taghha iddispona mill--eccezzjoni tal-inkompetenza rationae valoris fuq imsemmija imqanqla mill-konvenut billi akkorda terminu ta' xahar sabiex il-konvenut jiddeduci azzjoni appozita quddiem il-Qorti

kompetenti in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu, liema azzjoni l-konvenut naqas li jiddeduci

Ha konjizzjoni tal-provi mressqa mill-atturi u ra wkoll li l-konvenut naqas li jressaq provi tieghu kif kellu jaghmel fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2005-10-07

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut billi kif diga ddecieda fis-sentenza preliminari din tezorbita mill-kompetenza tieghu rationae valoris. Kif pacifikament assodat, il-kompetenza "ratione materiae" jew "ratione valoris" hi ta' ordni pubbliku (Kollezz, Vol XXIX pII p468; Vol XLI pI p382). Jinghad infatti illi tali eccezzjoni hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja l-kawza ma tkunx ta' kompetenza jew gurisdizzjoni tal-Qorti (Vol XXXIX pII p617) u, inoltre, l-inkompetenza lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet ("Patrick Grixti Soler -vs- Vincent Sultana", Appell, 27 ta' Marzu 1981) - ara Appell Inferjuri, Onor P Sciberras, 15/12/2002 Paul u Josephine konjugi Borg vs Jane Vassallo.   Inqas u inqas jista' jitqies li l-konvenut irrinunzja tacitament ghall-eccezzjoni tieghu tal-inkompetenza billi ma ntavolax il-kawza in sostenn tal-istess entro t-terminu stabbilit minn dan it-Tribunal.  Fi kwalunkwe kaz, anke kieku t-Tribunal kellu jikkunsidra l-mertu tat-tielet eccezzjoni , ma kienx ikun jista' jilqaghha billi ma tressqu l-ebda provi fir-rigward.

Jonqos ghalhekk li tigi kkunsidrata t-talba attrici fid-dawl tat-tieni eccezzjoni, cioe' dik generika li l-pretenzjonijiet attrici huma infondati fattwalment u guridikament, u r-raba eccezzjoni li  realment mhix hlief  semplici korollarju tat-tieni eccezzjoni.    Ghalkemm l-anqas fir-rigward ta' dawn l-eccezzjonijiet ma tressqet l-ebda prova mill-konvenut, strettament dan l-anqas huwa mehtieg ghaliex fi kwalukwe kaz, l-atturi iridu jipprovaw dak li jkun qieghdin jallegaw, u l-konvenut jista' jibqa' passiv, purke' jkun ikkontesta t-talba.

Minn qari akkurat tal-atti jirrizulta li t-talba tal-atturi giet sodisfacentement ippruvata.  Huma ressqu dokumenti u affidavits inkluz wiehed rilaxxjat mill-Perit Anna Maria Atard Montalto li juri kif waslu ghall-ammont minnhom pretiz u mitlub.  Min-naha tieghu il-konvenut mhux biss ma ressaqx provi, imma l-anqas ikkontesta l-provi mressqa permezz ta' kontro-ezami tax-xhieda mressqa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u  jikkundanna lill-konvenut jirrifondi  lill-atturi s-somma ta' LM590.03 ammont lilu mhallas zejjed bhala depozitu ghal xoghol li fil-fatt m'ghamilx fil-post tal-atturi fi Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex bl-ispejjez inkluzi dawk  tal-ittri interpellatorji  tas-17.09.2004 u tas-27.09.2004 a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------